# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 75

Data tal-laqgħa: 13 ta' Settembru, 2023

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar l-Erbgħa, 13 ta' Settembru 2023 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech<br>Abraham Aquilina |
| Assenti | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**75/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**75/01/01** Is-Segretarju Eżekuttiv resqet l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Carl Grech biex jiġi skużat minn din il-laqgħa. Kien hemm qbil li jiġi reġistrat bħala assenti b'appoloġija.

**75/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 74**

**75/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**75/02/02** **Para 74/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rigward il-kwistjoni tal-arloġġ tad-dawl tal-kamra li tinsab biswit l-iskola l-applikazzjoni qeda għand l-Avukat tal-ARMS Dr Noel Bezzina.

**75/02/03** **Para 74/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl għadu ma sar xejn.

**75/02/04** **Para 74/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bankina ta' Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero għandha ssir minn Infrastructure Malta.

**75/02/05** **Para 74/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma smajna xejn fuq il-fondi mill-Planning Authority rigward Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard.* Barra minn hekk, suppost dalwaqt joħroġ il-permess.

**75/02/06** **Para 74/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma smajna xejn mingħand il-Lands Authority rigward il-kuntratti ta' *subleasing* ta' Torri tas-Semaforu u tas-Searchlight Battery.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**75/02/07** **Para 74/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* ta' ħdejn il-kappella ta' San Nikola u l-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa għadhom ma sarux.

**75/02/08** **Para 74/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* dwar il-knisja ħa ssir wara li jitlesta z-zuntier.

**75/02/09** **Para 74/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* fil-pjazza dwar postijiet ta' interess ħa ssir wara li jitlesta z-zuntier.

**75/02/10** **Para 74/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li 3 tabelli ta' CCTV cameras mal-ħajt ta' Ġnien il-Paċi għadhom ma sarux.

**75/02/11** **Para 74/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bust ta' Guido Tanti ser jitpoġġa fi Ġnien il-Paċi minflok f'Misraħ il-Knisja minħabba oġġezzjoni mis-Superintendence of Cultural Heritage.

**75/02/12** **Para 74/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta approva l-istrippi ta' mal-art għal Triq San Ġwann.

**75/02/13** **Para 74/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li notice boards għadhom ma sarux.

**75/02/14** **Para 74/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet għamlet kuntatt mal-Enemalta rigward il-bozza ġdida fi Triq il-Ġnien man-naħa tal-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa.

**75/02/15** **Para 74/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq l-applikazzjoni għal Żvilupp u Titjib ta' Latrini Pubbliċi għandna bżonn 3 stimi.

**75/02/16** **Para 74/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-*road hump* għal Triq in-Naxxar (fil-parti d-dejqa) saret.

**75/02/17** **Para 74/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Clean Up the World Campaign ħa ssir għada.

**75/02/18** **Para 74/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet fakkret lid-dipartiment ta' xogħlijiet pubbliċi *re rain surface runoff increase causing flooding of fields (Triq tal-Ferħa).*

**75/02/19** **Para 74/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Perit se jibgħat proposta minħabba talba ta' resident għal *culvert* quddiem garaxx fi Sqaq numru 1, Triq San Nikola.

**75/02/20** **Para 74/02/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *slow sign* għal Triq in-Naxxar k/m Triq Santa Katerina saret.

**75/02/21** **Para 74/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat *dog bin* għat-Triq tal-Ferħa (fil-wied).

**75/02/22** **Para 74/02/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *Keep Clear* quddiem dar fi Triq San Nikola għad trid tiġi approvata minn Transport Malta.

**75/02/23** **Para 74/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *u-bar* għal Triq S. Zerafa saret.

**75/02/24** **Para 74/02/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rċeviet korrispondenza mill-GreenPak rigward ir-rilokazzjoni ta' sit tal-iBins.

**75/02/25** **Para 74/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tieħu parir minn Transport Malta fuq is-suġġeriment biex Triq San Ġwann (bejn l-ATM u Triq San Bartilmew) tiġi one-way waqt il-ħruġ ta' tfal mill-iskola.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**75/02/26** **Para 74/02/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat *dog bin* għal Triq Għaxqet l-Għajn qrib id-dar numru 2.

**75/02/27** **Para 74/02/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabella 'STOP' għal Triq Dun K. Fenech saret.

**75/02/28** **Para 74/03/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saru żewġ *bollards* ħdejn il-Madonna tal-Ġebla l-Kbira.

**75/02/29** **Para 74/03/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kiosk il-ġdid (tal-ikel u xorb) ta' Triq l-Isqof Gargallo ma ramax u l-kiosk (ta' toys) rama fi Triq l-Isqof Gargallo minflok fi Triq San Bartilmew k/m Triq San Ġwann.

**75/02/30** **Para 74/03/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ħaxix ħażin ta' Triq Santa Katerina inqata'.

**75/02/31** **Para 74/03/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li waqt il-bibita tal-festa s-Sur Simon Aquilina ppreżenta l-abbozz kif ukoll id-dokumenti relatati mal-Monument ta' San Bert.

**75/02/32** **Para 74/05/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sinjorina Victoire Muscat ser tattendi għas-Seduta Parlamentari taż-Żgħażagħ.

**75/02/33** **Para 74/05/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li diġà hemm tabella 'no heavy vehicles' fi Triq Mons. Luigi Catania fejn il-mużew.

**75/02/34** **Para 74/05/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-*refreshing* tas-sinjali fi Triq Mons. Luigi Catania man-naħa tal-għelieqi sar.

**75/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**75/03/01** Is-Sindku qalet li ser titlob appuntament ma' Sur Noel Vella minn Infrastructure Malta fuq ix-xogħol fi Triq il-Kbira.

**75/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**75/04/01** Ma kienx hemm.

**75/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**75/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Ramona Portelli – Wifi f'Postijiet Pubbliċi provdut minn Tech.mt. Is-Servizz tal-Wifi fi Ġnien il-Paċi ser jintemm fit-30 ta' Settembru 2023.

**75/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Jilly Cachia Camilleri (GreenPak) – *Relocation in Triq Giovanni Gafa'.*

**75/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 9 ta' Awwissu 2023).

**75/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 16 ta' Awwissu 2023).

**75/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 23 ta' Awwissu 2023).

**75/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 9 ta' Settembru 2023).

**75/05/07** Fuq it-talba għal żewġ bozzoz fi Sqaq fi Triq Santa Katerina. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet din it-talba trid tiġi approvata minn Enemalta plc.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**75/05/08** Fuq it-talba għal żewġ rubber wall guards Triq il-Gdida. Il-Kunsill qabel unanimament.

**75/05/09** Fuq it-talba għal globi ħdejn iz-zebra crossing. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tikteb lil Infrastructure Malta.

**75/05/10** Fuq it-talba ta' residenta għal *sleeping police* quddiem numru 64 fi Triq F. Zarb. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li trid tiġi approvata minn Transport Malta.

**75/05/11** Fuq it-talba tal-Kumitat Festa San Bartilmew biex isiru 5 toqob ġodda. Kien hemm qbil unanimu.

**75/05/12** Fuq it-talba ta' resident għal bin bl-għatu fi Triq ix-Xwieki. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**75/05/13** Fuq it-talba ta' residenta biex issir bozza ġdida fi Triq il-31 ta' Marzu ħdejn il-hairdresser. Il-Kunsill qabel li ssir *site visit*.

**75/05/14** Fuq it-talba ta' residenta biex il-gate ta' fuq ta' Ġnien il-Paċi terġa' tinfetaħ. Kien hemm qbil unanimu.

**75/05/15** Fuq it-talba ta' resident biex issir *bollard* fi Triq il-Ġdida. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**75/05/16** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li l-bin ta' Triq E. Perren jiġi ħdejn l-ATM. Kien hemm qbil unanimu.

**75/05/17** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li ssir CCTV camera oħra fuq barra ta' Ġnien il-Paċi. Kien hemm qbil unanimu.

**75/05/18** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li għal ewwel ġurnata tal-iskola nordnaw tapit ahmar, bżieżaq, mużikà u karattri bħas-sena l-oħra. Kien hemm qbil unanimu.

**75/05/19** Is-Sur Christopher Fenech ressaq suġġeriment biex iż-żewġ bins tal-pjazza jitneħħew. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**75/05/20** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li fl-uffiċċju ssir niċċa bil-gypsum u ħġieġa u fiha npoġġu l-abbozz tal-monument ta' San Bert. Kien hemm qbil unanimu li jsiru b'kollaborazzjoni ma' Reġjun Lvant.

**75/05/21** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li noħorġu stqarrija rigward PA 4897/23 u nispjegaw li l-Kunsill Lokali huwa kontra l-bini ta' djar fuq raba' f'Ħal Għargħur. Kien hemm qbil unanimu.

**75/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**75/06/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**75/07** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**75/07/01** Il-laqgħa spiċċat fis-6:45p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 11 ta' Ottubru 2023 fil-5:30p.m.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur   GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111    Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt    Website : www.gharghur.gov.mt**


| | |
|---|---|
| *(firmati)* | *(firmati)* |
| **Helene Gauci**<br>**Sindku** | **Maria Tanti**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |